MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 345/2006

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Richard Cuschieri**

**Il-Qorti;**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn is-16 t'April, 2006 u s-16 ta' Mejju, 2006, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda, meta hekk ordnat lilu b'digriet moghti mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja permezz ta' digriet 505/2003 datat 16 ta' Marzu 2004, naqas li jaghti lil martu Sharon Cuschieri dik is-somma ffissata minn dik il-qorti bhala manteniment ghaliha**

**w/jew ghal ulied minuri Shannon u Sharona, fi zmien hmistax-il jum li fih skond dak l-ordni li jkollu jhallas dik is-somma.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 t'Ottubru, 2006, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 18 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu ghal perjodu ta' detenzjoni ghal zmien gimgha.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Novembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata fejn l-appellant gie misjub hati tal-akkuza w hekk tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.
Illi minghajr pregudizzju ghal din it-talba, l-appellant talab illi fl-eventwalita' illi din il-Qorti ssib htija, l-piena tigi varjata minn wahda ta' detenzjoni ghal multa sabiex b'hekk tigi applikata piena aktar gusta w ekwa kif jixraq fic-cirkostanzi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Semghet ix-xhieda ta' Sharlon Cuschieri fis-seduta tal-lum.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.**

**Rat il-verbal li bih l-appellant hallas lill-martu fi flus kontanti s-somma ta' mitejn u disghin lira Maltin (LM290) ghas-saldu ta' kull pretenzjoni li hi ghandha ghall-arretrati ta' l-alimenti dovuti lilha sal-lum.**

**Rat il-verbal li bih l-istess Sharlon Cuschieri ddikjarat li ma tixtieqx li tara lill-zewgha jintbaghat il-habs issa li huwa gie in regola mal-hlas tal-manteniment.**

**Rat li l-prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghar-rigward tal-piena.**

**Ikkonsidrat,**

**Illi ghalkemm kif jirrizulta mill-pagament tal-lum, *ex admissis* l-appellant qed jaccetta illi huwa kien hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu, w ghalhekk fuq il-mertu ma jidhirx li wiehed ghandu ghalfejn jiddilunga aktar, tara illi skond il-gurisprudenza recenti stabilita minn din il-Qorti, meta l-obbligu tal-appellant ikun gie saldat pjenament ghas-sodisfazzjoni tal-persuna li ghandha tircevi l-manteniment, ikun hemm lok ghal temperament fil-piena.**

**Tiddeciedi billi tilqa' l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu w tirrevokaha in kwantu ikkundannatu ghal perjodu ta' gimgha detenzjoni w minflok tikkundannah ghal ammenda ta' ghaxar liri (LM10) komvertibbli f'jumejn detenzjoni jekk ma jithallsux illum stess.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------